

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Atlas Ġudizzjarju Ewropew Dwar Kwistjonijiet Ċivili](#) > [Ir-Regolament Brussell Ila - Kwistjonijiet Matrimonjali U Kwistjonijiet Ta' Responsabbiltà Tal-ġe...](#) > [Portugal](#)

Ir-Regolament Brussell Ila - Kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri

Portugal



Portugal

SIB QRATI/AWTORITAJIET KOMPETENTI

L-għodda ta' tiftix hawn taħt se tgħinek tidentifika qorti/qrati jew awtorità(jiet) kompetenti għal strument legali Ewropew speċifiku. Jekk jogħġbok innota li għalkemm sar kull sforz biex tiġi aċċertata l-preċiżjoni tar-riżultati, jista' jkun hemm xi każijiet eċċezzjonali li jikkonċernaw id-determinazzjoni ta' kompetenza li mhumiex neċessarjament koperti.

L-Artikolu 67 (a)

L-awtorità ċentrali maħtura skont l-Artikolu 53 hija:

id-Direttorat-Ġenerali għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja (Direcção-Geral da Administração da Justiça)

Av. D. João II, No 1.08.01 D/E, Pisos 0, 9-14

PT - 1990-097 LISBON

Tel: (+351) 217 906 500 - (+351) 217 906 200/1

Faks: (+351) 211 545 116 - (+351) 211 545 100

E-mail: criancas@dgaj.mj.pt

Sit web: <https://dgaj.justica.gov.pt/>

L-Artikolu 67 (b)

Skont l-Artikolu 57(2), il-lingwi li jistgħu jintużaw għall-komunikazzjoni mal-Awtorità Ċentrali huma l-Portugiż, l-Ingliż u l-Franċiż.

L-Artikolu 67 (c)

Il-lingwi aċċettati għaċ-ċertifikat li jikkonċernaw id-drittijiet ta' aċċess u r-ritorn ta' tfal skont l-Artikolu 45(2) huma l-Portugiż u l-Ingliż.

L-Artikoli 21 u 29

Għall-każijiet imsemmija fl-Artikoli 21 u 29, il-qorti li jkollha l-ġuriżdizzjoni hija:

- it-Taqsima tal-Familja u l-Minuri (*Juízo de Família e Menores*); jew, jekk ma jkunx hemm:

- it-Taqsima Ċivili Lokali (*Juízo Local Cível*), jekk ikun hemm, jew it-Taqsima Ġenerali Lokali (*Juízo Local de Competência Genérica*).

L-Artikolu 33

L-appelli stipulati fl-Artikolu 33 iridu jiġu ppreżentati fil-Qorti tal-Appell (*Tribunal da Relação*).

L-Artikolu 34

Għall-finijiet tal-Artikolu 34 tar-Regolament, huwa possibbli biss li jiġi ppreżentat appell fuq punt tad-dritt u dan irid jiġi ppreżentat fil-Qorti tal-Ġustizzja Suprema (*Supremo Tribunal de Justiça*).

Din il-paġna web hija parti minn [L-Ewropa Tiegħek](#).

Nilqgħu l-[feedback](#) tiegħek dwar l-utilità tal-informazzjoni pprovduta.



■ L-aħħar aġġornament: 03/02/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.